MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 436/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Emanuel Tabone**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Emanuel Tabone ta’ 53 sena bin il-mejjet Francis u Catherine nee’ Mifsud imwieled Qormi fit-18 ta’ Gunju 1957 u residenti 59 Triq il-Kuncizzjoni, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 409457(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fi Frar 2011 u fil-gimghat u x-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulha b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Ian Paul Schembri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0364086(M), ta' Fabian Francica detentur tal-karta tal-identita' numru 424585(M) u ta' Beverly Mizzi detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 314984(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Ian Paul Schembri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0364086(M), ta' Fabian Francica detentur tal-karta ta' l-identita' numru 424585(M) u ta' Beverly Mizzi detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 314984(M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Mejju 2012 (esebita a fol. 126 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ April 2013, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat

Il-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw self ta’ ammonti sostanzjali ta’ flus li sar minn Ian Paul Schembri, Fabian Francica u Beverly Mizzi lill-imputat liema self sar fi Frar 2011 u fix-xhur ta’ qabel fejn l-imputat indika li kien jaghmel negozju billi jimporta xorb u merkanzija ohra minn barrra u kellu bzonn dawn il-flus ghal dan in-negozju u li seta’ jrodd lura l-flus lilu mislufa fi zmien qasir izda mbaghad naqas li jaghmel dan.

Ian Paul Schembri xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2011 (a fol 20) fejn qal li kien iltaqa’ mal-imputat gewwa cafeteria u wara ftit taz-zmien dan kien talbu jselfu s-somma ta’ elf Ewro (€1000) sabiex igib xi xoghol minn barra. Huwa tah din is-somma u ftit wara l-imputat tah lura dan l-ammont flimkien ma’ mitejn (€200) Ewro bhala rigal. Wara li kien ghadda z-zmien l-imputat rega’ talbu elf (€1000) Ewro ohra izda din id-darba huwa ma riedx jisilfu flus. L-imputat staqsieh jekk kienx jaf lil xi hadd li jista’ jselfu l-flus u Schembri laqqghu ma’ Fabian Francica fejn dan tal-ahhar accetta li jsellfu s-somma ta’ elf (€1000) Ewro. L-imputat rega’ ta din is-somma lil Fabian Francica bl-istess mod kif ghamel lil Schembri u cioe’ flimkien ma’ mitejn (€200) Ewro ohra maghhom. Ftit taz-zmien wara, l-imputat rega’ cempel lil Schembri fejn din id-darba talbu s-somma ta’ disat elef (€9000) Ewro izda Schembri ma riedx jisilfu din is-somma ghaliex ma kellux dan l-ammont ghad-disposizzjoni tieghu. Huwa kellem lil Francica u staqsih jekk riedx jidhol fiha pero’ bil-kundizzjoni li huwa ma jkollux x’jaqsam. L-imputat flimkien ma’ Francica kkonkludew il-bicca bejniethom. Schembri kompla jghid li l-imputat Emanuel

Tabone rega' cempillu fejn din id-darba talbu s-somma ta' erbat elef u hames mitt (€4500) Ewro bhala self u huwa accetta li jaghtih din is-somma u wara ftit taz-zmien rega' cempillu l-imputat u qallu sabiex jaghtih tlett elef (€3000) Ewro ohra. Schembri ma riedx jislef din is-somma izda l-imputat qallu li jekk ma kienx sejjer jaghtih is-somma li talbu ma kienx ser jaghti lura lil Fabian Francica s-somma li kien issellef minghandu. Schembri jghid li huwa ghalhekk cempel lil Francica sabiex jaraw kif kienu ser jirrangaw u Francica ssellef mill-Bank sabiex ikun jista' jaghti lill-imputat din is-somma ulterjuri sabiex b'hekk ikun jista' jiehu lura d-disat elef (€9000) Ewro li kien tah qabel. Schembri jghid li nonostante li ghadda z-zmien l-imputat baqa' ma hallashomx lura l-ammonti dovuti u huwa kien dejjem iwieghed li kien sejjer jaghtihom lura l-flus izda dejjem gab xi skuza u baqa' inadempjenti. Waqt laqgha fejn jiltaqghu wicc imb'wicc halli jaraw kif ser jiehdu flushom lura l-imputat hareg sikkina u qal lil Schembri u Francica li jekk kienu ser joqghodu jdejquh kien ser juza s-sikkina izda mbaghad weghdhom li kien ser igib il-flus minghand tal-familja. L-ghada li ltaqghu, l-imputat iltaqa' ma' Fabian Francica fejn qallu sabiex jaghmlu skrittura privata bejniethom fejn kien iffirma Francica biss u mhux Schembri izda dan tal-ahhar jghid li qalilhom sabiex inizzlu wkoll l-ammont li kien dovut lilu fl-iskrittura. Ghalkemm ghadda z-zmien il-flus baqghu ma thallsux u sar rapport mal-Pulizija. Schembri qal li meta kien ta l-flus lill-imputat huwa qatt ma qallu kif kien ser juzahom u zied jghid li l-imputat anki kien qallhom li kien dispost imur ghand Nutar sabiex issir skirttura u huwa ghalhekk haseb li kien kollox sew. Huwa zied jghid li qatt ma kien hemm ftehim bejniethom dwar kemm ser jiehu lura talli sellef il-flus u qal li l-imputat kien jghidilhom diversi stejjer li kien ser jibghat in-nies igibu x-xoghol minn barra.

Fabian Francica xehed fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2011 (a fol 28) fejn ikkonferma li kien cempillu l-habib tieghu Ian Paul Schembri fejn qallu dwar persuna li ried jissellef elf (€1000) Ewro. Ghalkemm fil-bidu huwa ma xtaqx jaghti flus, Schembri qallu li din il-persuna tista' tafdaha minhabba li kien diga selfu flus u hadhom lura b'mitejn Ewro (€200) maghhom. Huwa zied jghid li dan Emanuel

Tabone kien jahdem ma’ xi agenti u jgib ix-xoghol minn barra. Fiz-zmien hmistax-il gurnata l-imputat tah lura l-flus kif ukoll mitejn (€200) Ewro maghhom. Xi zmien wara rega’ cempillu Ian Schembri fejn qallu li l-imputat kellu bzonn jissellef disat elef (€9000) Ewro u Fabian Francica wara li tkellem mal-gharusa tieghu ried li jiltaqa’ mieghu qabel jaghti dawn il-flus. Meta ltaqghu l-imputat qallu li jekk irid kien lest li jaghmel skrittura ghand Nutar. Huwa kien qallu li ghandu bzonn dawn il-flus sabiex igib xi xorb u huwa accetta li jghaddi dawn il-flus. Skont il-ftehim li kien sar bejniethom dawn il-flus kien ser jroddhom lura fi zmien tlett xhur. Ix-xhud kompla jghid li wara xi zmien cempillu l-habib tieghu Schembri fejn qallu li Emanuel Tabone ried somma ulterjuri ta’ tlett elef (€3000) Ewro u kien qallu li jekk ma kienx ser jghaddilu dawn il-flus ma kienx ser jhallas lura lil Francica s-somma ta’ disat elef (€9000) Ewro li kien diga’ selfu. Fabian Francica flimkien mal-gharusa tieghu ghalhekk marru jisselfu s-somma ta’ tlett (€3000) Ewro mill-Bank sabiex jaghtuha lill-imputat. Wara hafna zmien u diversi skuzi migjuba mill-imputat il-flus baqghu ma thallsux lura u huma ftehmu li jiltaqghu u malli wasal l-imputat hareg sikkina u qalilhom li jekk ser joqghodu jigru warajh kien se jigi ghalihom biha izda huwa qalilhom li l-flus kien ser jghatihomlhom lura fit-22 ta’ Frar. Xi zmien wara kien cemplilhom l-imputat fejn qallihom sabiex jaghmlu skrittura u fiha tnnizlu l-ammonti dovuti izda xorta wahda baqa’ ma thallas xejn. Francica qal lli kellu jiehu minghand l-imputat is-somma ta’ hdax-il elf u erba’ mitt (€11,400) Ewro.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda huwa kien irrilaxxja stqarrija mal-Pulizija (esebita a fol 48 u mmarkata bhal dok MC1) fejn qal li fil-fatt kien ha s-somma ta’ elf Ewro biex biha jixtri xi haga u jaqla’ xi haga minnhom. Huwa ma ftakarx ezatt jekk fil-fatt is-somma kinitx hamest elef (€5000) jew elf Ewro (€1000) li kien issellef minn ghand Ian Paul Schembri. Huwa kkonferma li kien talab is-somma ta’ disat elef (€9000) Ewro lil Schembri u li dan ma kellux dan l-ammont sabiex isellfu u li huwa kien issellifhom minghand Fabian Francica. Huwa zied jghid li kien issellef ukoll is-somma ta’ tlett elef (€3000) Ewro ohra minghand Fabian Francica u qal li kien

ser jaghtih bhala rigal is-somma ta' erbat elef u hames mitt (€4,500) Ewro ohra. Huwa nnega li huwa kien ghamel xi theddid fil-konfront ta' Fabian Francica u Ian Paul Schembri u zied jghid li kien uza l-flus li ssellef minghand Schembri u Francica ghal-loghob minhabba li ghandu l-vizzju tal-loghob.

Ikkunsidrat

Illii f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju tieghu tat-3 ta' Mejju 2012 indika li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali liema Artikoli tal-ligi jirreferu ghar-reat ta' approprjazzjoni ndebita kif ukoll fl-Artikolu 18, 308 u 309 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jirreferi ghar-reat ta' truffa u frodi nnominata.

Illi l-approprjazzjoni ndebita hija kkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa ex officio mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu bi profitt ghalih

jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju tal-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio” (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.

Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta’ dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza Il-Pulizija

v Dr. Seigfried Borg Cole deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan ir-reat.

(Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ( il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel

richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li:

"Fil-ligi taghna sabiex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf, hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Dicembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Carmela German' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar il-fatt jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tistghax tigi kkunsidrata bhala frodi nnominata.

"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha

telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s’intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra.”

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reati ta’ approprjazzjoni indebita, frodi nnominata u truffa li jinsab akkuzat bihom l-imputat fil-kawza odjerna din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tara jekk il-fatti tal-kaz odjern jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija reati u sabiex tikkunsidra jekk jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jissussistu tali reati.

Ghandu jinghad mal-ewwel li minn ezami akkurat tal-provi l-Qorti jidrilha li l-fatti tal-kaz ma jistghax jinghad li jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali stante li mill-istess provi rrizulta li l-imputat ma kienx gie fdat jew ikkunsinnat dawn il-flus taht xi titolu partikolari jew ghal xi uzu partikolari. Illi mix-xhieda kemm ta’ Ian Schembri kif ukoll ta’ Fabian Francica jirrizulta li huma selfuh il-flus minhabba li kien qalilhom li kien jahdem mal-agenti u kien ser juzahom sabiex jixtri xi xoghol bihom. Huma tawh dawn il-flus minhabba li huwa kiseb il-fidicja taghhom meta tahom rigal ta’ mitejn Ewro (€200) wara lli selfuh elf Ewro (€1000) kull wiehed u mhux sabiex jaghmel uzu specifku minnhom. L-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat mill-imputazzjoni ta’ approprijazzjoni indebita.

Il-Qorti jidrilha li min-naha l-ohra l-fatti ta’ dan il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fir-reat ta’ truffa kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat ivvinta storja li huwa kien jaghmel in-negozju u jimporta merkanzija minn barra u sabiex jikseb il-fiducja ta’ Schembri u Francica ssellef ammont zghir ta’ elf Ewro (€1,000) minghand kull wiehed minnhom u radd lura dan l-ammont fi zmien qasir b’rigal ta’ mitejn Ewro (€200) sabiex b’hekk tahom l-impressjoni li huwa creditworthy u setghu jafdawh u mbaghad huwa proceda sabiex jitlobhom ammonti ferm akbar meta kien jaf ben tajjeb li ma setghax ihallashom lura ghaliex kien ilu snin ma jahdem u kien jghix bil-beneficcji socjali u kien ser juza’ l-flus sabiex imantni l-vizzju tal-loghob. Il-Qorti sejra

ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-Artikolu 251B

Fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju l-Avukat Generali indika wkoll li setghat tinstab htija taht l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminalli liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:

**251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet

Illi mid-deposizzjoni li taw kemm Ian Schembri u Fabian Francica fejn indikaw li meta ltaqghu mal-imputat sabiex jaraw kif ser jiftehmu sabiex jiehdu lura l-flus taghhom huwa hareg sikkina u qalilhom li jekk kienu ser joqghodu jdejjquh kien ser juza' s-sikkina izda kien weghdhom li kien ser igib il-flus minghand tal-familja. Illi mill-provi rrizulta li din kienet l-unika okkazzjoni li huwa qalilhom dan il-kliem.

Illi dan ir-reat giet trattat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** (deciza mill-Imhallef V. Degaetano fl-24 t'April 2009) fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

*"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to*

*know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”*

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista’ jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:

*“A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Il-kliem “on each of those occasions” huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f’okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, “on at least two occasions”. Ghal xi raguni – fil-fehma ta’ din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem “on at least two occasions thallew barra”. Fi kliem l-edituri ta’ **Blackstone’s Criminal Practice, 2008**:

**“How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived ‘where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct’. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…”**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta’ x’jammonta ghal “course of conduct” ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova

telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)."

Illi fil-kaz odjern ma jidhirx li kien hemm 'a course of conduct' u ghalhekk il-Qorti mhux ser issib htija taht l-Artikolu 251B. Il-Qorti izda jidrilha li l-fatti kif esposti minn Schembri u Francica jikkomportaw reita' taht l-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali ukoll indikat mill-Avukat Generali u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati abbazi ta' dan l-artikolu 339(1)(e).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti rat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kkommetta reati simili ghal dawk li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna u li fil-passat huwa nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu minn dawn il-Qrati izda jidher li naqas milli jaghmel dan u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tat-3 ta' Mejju, 2012 u senjatament l-Artikoli 17,18, 308, 309, 310(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-kontravenzjoni ta' theddid u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------